**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 7 ta' Lulju 2022**

**<u>Rikors nru : 299/2022 AGV</u>**

**OBP u DB**

**-vs-**

**X**

**Rikors Konġunt ta' DP u OBP**

Jesponu bir-rispett:

1. Illi huwa żżewweġ lill-intimata nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) estratt taċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala **Dok. A**;

2. Illi huwa ssepara legalment minn mal-intimata permezz ta' kuntratt bonarju ta' separazzjoni datat disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fl-atti tan-Nutar Dottor Sarah Scerri, kopja tal-istess anness u mmarkat bħala **Dok. B**;

3. Illi l-konjugi b'hekk ilhom separati mid-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u għalhekk ferm oltre it-terminu ta' sitt (6) xhur, rikjest mil-liġi;

4. Illi l-manteniment għall-ulied minuri li twieldu f'dan iż-żwieġ, dejjem tħallas fil-pront;

5. Illi l-partijiet m'għandhom ebda pendenza ta' manteniment bejniethom stante skont il-kuntratt tas-separazzjoni huma ddekadew reċiprokament mid-dritt li jirċievu manteniment mingħand xulxin;

6. Illi l-partijiet ma hemmx lok li jerġgħu jirrikonċiljaw u llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi l-mittenti jixtieq jottjeni d-divorzju jew ħall taż-żwieġ, u dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Għaldaqstant, in vista tas-suespost din l-Onorabbli Qorti qiegħda tiġi umilment mitluba sabiex:-**

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

DECIDE :

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**